



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2012
COM(2012) 646 final

2012/0308 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. DAĦLA

Il-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç (WTO) u r-Repubblika tat-Taġikistan laħqu l-istadju konklussiv ta' ftehim dwar it-termini għall-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fl-Organizzazzjoni. Dan qed iseħħ wara 11-il sena ta' negozjati li bdew meta r-Repubblika tat-Taġikistan ippreżentat l-applikazzjoni tagħha biex tingħaqad mad-WTO fl-2001.

Deċizzjoni tal-Kunsill li tapprova t-termini tal-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan hija meħtieġa qabel l-UE tkun tista' tappoġġa formalment dik l-approvazzjoni fid-WTO.

Taqkira tat-termini tal-adeżjoni tinsab hawn taħt.

II. TAQSIRA TAT-TERMINI TAL-ADEŻJONI MAD-WTO TAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN SKONT IS-SETTUR

L-iskeda tal-impenji

Ir-rata ta' tariffa medja finali (final bound rate (FBR)) fl-iskeda tal-adeżjoni tat-Taġikistan hija ta' 7,5%.

L-FBR medja għall-prodotti tal-agrikoltura hija ta' 8,6%, xi ftit oġhla mis-7% osservata għall-prodotti industrijali.

It-Taġikistan għandu jimplementa l-FBRs fi żmien ħames snin (5) mid-data tal-adeżjoni.

Dawn il-livelli medji għat-tariffi huma pjuttost raġjonevoli meta jitqies id-daqs żgħir u l-karatteristika tal-ekonomija tat-Taġikistan li huwa pajjiż imdawwar bl-art. Il-prassi tal-UE fl-imgħoddi kienet li jiġu aċċettati bħala raġjonevoli dawn il-livelli ta' tariffi għal ekonomiji ta' daqs paragonabbli.

Il-Prodotti Industrijali

- L-FBR medja għall-prodotti mhux agrikoli hija ta' 7%.
- L-oġhla rati ta' tariffa finali huma tax-xedd tas-saqajn, b'medja ta' 20% u livelli massimi ta' 30%, u tessuti, b'medja ta' 10% u livelli massimi ta' 30%
- It-Taġikistan qed jingħaqad fil-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Informazzjoni (FTI) u konsegwentement ineħħi bil-mod il-mod it-tariffi FTI tiegħu fi żmien 5 snin.

Il-Prodotti Agrikoli

- L-FBR medja għall-prodotti agrikoli hija ta' 8,6%.
- L-oġhla livelli massimi ta' tariffi fl-agrikoltura huma pjuttost raġjonevoli: għat-tadam frisk bi 23% u għal xi ħaxix frisk varju ieħor, ġobon u tabakk bi 15% jew bi ftit oġhla.

Is-servizzi

L-iskeda ta' impenji speċifiċi tat-Taġikistan fis-servizzi hija sodisfaċenti ħafna meta jitqies id-daqs tal-ekonomija ta' dan il-pajjiż. It-Taġikistan se jidħol għal impenji b'mod sostanzjali għal dak li huwa aċċess għas-suq u trattament nazzjonali f'sensiela wiesgħa ta' setturi ta' servizzi, inklużi servizzi professjonali, ta' kompjuters, ta' Riċerka u Żvilupp, ta' kiri/self u servizzi oħra tan-negozju, servizzi tal-komunikazzjoni (servizzi ta' kurjer u ta' telekomunikazzjonijiet), kostruzzjoni, distribuzzjoni, servizzi edukattivi privati, servizzi ambjentali, finanzjarji (assicurazzjoni u servizzi bankarji), tas-saħħa, tat-turiżmu, rikreazzjonali u s-servizzi tat-trasport.

L-Impenji tal-Protokoll

Fl-aħħar stadju multilaterali tal-proċess ta' adeżjoni, il-Membri tad-WTO fittxew kollettivament li jiżguraw il-kompatibbiltà bażika tal-liġijiet u l-istituzzjonijiet kummerċjali tat-Taġikistan mar-regoli u l-ftehimiet tad-WTO, u niżżluhom fil-Protokoll ta' Adeżjoni u fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma. Il-kwistjonijiet li ġejjin huma ta' interess partikolari għall-UE:

Proprietà tal-Istat, il-Privatizzazzjoni u l-entitajiet kummerċjali tal-Istat

Mid-data tal-adeżjoni, l-intrapriżi tal-Istat (inklużi intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat u dawk ikkontrollati mill-Istat, intrapriżi bi privileġġi speċjali jew esklużivi, u intrapriżi unitarji) fit-Taġikistan se jixtru jew ibiegħu prodotti u servizzi li mhumiex għall-użu jew għall-konsum tal-Gvern innifsu, unikament skont konsiderazzjonijiet kummerċjali. It-Taġikistan ikkonferma wkoll li dawn l-intrapriżi Statali tal-kummerċ se jagħtu lill-intrapriżi ta' Membri oħra opportunità xierqa, skont il-prattika kummerċjali tas-soltu, biex jikkompetu għall-parteċipazzjoni f'xiri mill-intrapriżi tat-Taġikistan jew f'bejgħ lilhom. Kull restrizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' materjali biex jiġu żgurati kwantitajiet essenzjali ta' materjali bħal dawn għall-industrija domestika tal-ipproċessar mhux se jsewbiex biex iżidu l-esportazzjonijiet, jew il-protezzjoni ta' din l-industrija domestika.

Id-drittijiet tal-kummerċ

Mid-data tal-Adeżjoni, it-Taġikistan ser jagħti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, irrispettivament mill-preżenza fiżika jew l-investment fit-Taġikistan, id-dritt li tkun l-importatur irregiżtrat ta' kull prodott li huwa permess li jiġi importat fit-Taġikistan, fi kwalunkwe livell tad-distribuzzjoni. Id-drittijiet kollha għall-importazzjoni u l-esportazzjoni se jingħataw b'mod mhux diskriminatorju u mhux diskrezzjonali mid-data tal-adeżjoni, u kull rekwiżit dwar ir-reġistrazzjoni kummerċjali jew l-applikazzjoni għad-dritt li timporta jew li tesporta se jkun għal skopijiet doganali u fiskali biss, u mhux se jeħtieġ investment fit-Taġikistan u lanqas mhu se jagħti d-dritt ta' distribuzzjoni hemm, u mhux se jikkostitwixxi ostaklu għall-kummerċ.

Il-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Informazzjoni (FTI)

Ir-Repubblika tat-Taġikistan ressqet l-iskeda tagħha tal-FTI lill-Kumitat tal-FTI għal verifika, skont il-proċeduri tal-FTI, sabiex ir-Repubblika tat-Taġikistan tkun tista' tingħaqad mal-FTI meta ssir Membru tad-WTO.

Il-valutazzjoni doganali

Mid-data tal-adeżjoni, it-Taġikistan se japplika l-liġijiet ta' evalwazzjoni doganali tiegħu, ir-regolamenti u l-prassi, inklużi dawk għall-prevenzjoni tas-sottovalutazzjoni ta' prodotti, skont il-Ftehim tad-WTO, inkluż l-Artikolu I tal-GATT 1994, il-Ftehim WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-GATT 1994 u l-Anness I (Noti Interpretattivi).

Id-dazji fuq l-esportazzjoni

It-Taġikistan intrabat b'mod komprensivi li jillimita d-dazji fuq l-esportazzjoni.

Il-Ftehim dwar l-Akkwisti tal-Gvern

It-Taġikistan ikkonferma r-rieda li jaderixxi mal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern. It-Taġikistan se jsir osservatur għall-Ftehim mal-adeżjoni, u se jippreżenta applikazzjoni għal sħubija b'offerta ta' kopertura fi żmien sena wara l-adeżjoni fid-WTO.

Il-kummerċ ta' ajruplani ċivili

It-Taġikistan se jsir firmatarju għall-Ftehim tad-WTO dwar il-Kummerċ ta' Ajruplani Ċivili mal-adeżjoni.

III. RAKKOMANDAZZJONI

Bil-preżentazzjoni tat-termini tal-Adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fid-WTO għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tqis dawn it-termini bħala li jirrappreżentaw pakkett bilanċjat u ambizzjuż ta' impenji tal-ftuħ tas-suq, li se jgħib benefiċċji sostanzjali lit-Taġikistan u lill-imsieħba kummerċjali tiegħu tad-WTO bl-istess mod.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), u 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Mejju 2001 il-Gvern tar-Repubblika tat-Taġikistan applika għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'konformità mal-Artikolu XII ta' dak il-Ftehim.
- (2) Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan ġie stabbilit fit-18 ta' Lulju 2001 sabiex jilħaq ftehim dwar it-termini ta' adeżjoni aċċettabbli għar-Repubblika tat-Taġikistan u l-Membri kollha tad-WTO.
- (3) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, innegozjat sensiela komprensiva ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tar-Repubblika tat-Taġikistan li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni.
- (4) Dawn l-impenji issa huma inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan fid-WTO.
- (5) L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess ta' riforma ekonomika u għall-iżvilupp sostenibbli fir-Repubblika tat-Taġikistan.
- (6) Il-Protokoll tas-Sħubija għandu għalhekk jiġi approvat.
- (7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jstabbilixxi d-WTO jistipula li għandu jintlaħaq ftehim dwar it-termini tas-sħubija bejn il-Membri li qed jissieħeb u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini ta' adeżjoni min-naħa tad-WTO. L-Artikolu IV.2 tal-Ftehim li jstabbilixxi lid-WTO jipprevedi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha għandhom jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.
- (8) Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tat-Taġikistan fid-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tat-Taġikistan mad-WTO, hija li tapprova l-adeżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*